**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Zerafa)**

**(Spettur Paul Camilleri)**

**Vs**

**Marlon Baldacchino**

**Kaz Nru: 138/2018**

**Illum 27 ta' Awwissu 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Marlon Baldacchino u detentur tal-karta tal-identita' numru 382700L:

Akkuzat talli nhar l-14 ta' Novembru 2018, ghall-habta ta' 19:25hrs gewwa Triq ic-Cawsli, Zabbar:

1. Kellek fil-pussess tieghek il-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Kellek fil-pusess tieghek id-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima

tal-Ordinanza u meta ma kontx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kontx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollok id-droga msemmija fil-pussess tieghek u nqast li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilek ghall-uzu tieghek skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontrolli intern tad-drogi perikoluzi (G.N 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli kiser il-liberta provizorja billi naqas milli jhares il-kundizzjonijiet li gew imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, Magt Dr Gabriella Vella LL.D nhar l-4 ta' Novembru 2018 fosthom li ma jikkommettix reat iehor ta' natura volontarja.

Il-Qorti hija mitluba tirrevoka s-somma msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija liema somma totali ta' elfejn Euro (€2,000) ghandha tigi mghoddija favur il-Gvern ta' Malta kif ukoll tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Marlon Baldacchino u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat fejn b'digriet ta' nhar il-4 ta' Novembru 2018, kien inghata l-helsien mill-arrest mill-Magistrat Dr Gabriella Vella LL.D kif stipulate fl-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali a tenur tal-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat**

L-imputat jinsab addebitat bir-reat ta' pussess tas-sustanzi Cannabis u kokajina u bi ksur tal-kundizzjonijiet impost fid-digriet ghall-helsien mill-arrest.

Mill-provi jirrizulta s-segwenti:

Nhar l-4 ta' Novembru 2018 ghall-habta tas-7, waqt li l-Ispettur Lydon Zammit, flimkien ma' pulizija iehor, kien fuq investigazzjoni, kellhom informazzjoni li wiehed mis-suspettati kien certu Luke Vella u li kellu jmur jiffirma l-ghassa tal-Pulizija. Ghall-habta tas-7.00p.m wasal Luke Vella f'karozza tal-ghamla Smart. Kif wasal Vella u dahal fl-ghassa l-Ispettur mar hdejn il-vettura fejn sab lill-imputat fuq in-naha tal-passiggier u dak il-hin kien qed irembel xi tabakk. Infurmah li kien ufficjal tal-pulizija, talbu biex johrog mill-karozza fejn identifika ruhu u minghajr ma staqsih xejn qallu li dak li kien qed irembel kien tieghu. Staqsih kellux xi hag'ohra li hi tieghu billi l-karozza rieduha ghall-investigazzjoni u qallu li kellu pouch iswed. Gabru. Inghata d-drittijiet u infurmah li kien qed jigi mizmum. Saret tfittxija fil-pouch fejn apparti s-sustanza li kellu f'idu nstabu wkoll go borza ohra zewg pillolli. Instabu wkoll zewg mowbajls, €40, mus u xi affarijiet ohra. L-oggetti ghaddihom lill-Ispettur Joanna Piscopo li kienet prezenti mieghu meta kellmu lill-imputat. Giet elevata biss is-sustanza li giet ezebita u mmarkata bhala Dok LZ.

L-ghada, l-imputat mar ghand L-ispettur Zerafa fl-Ghassa tar-Rahal Gdid billi kien intalab jipprezenta ruhu hemm. Meta mitkellem huwa qalilha li s-sustanzi kienu pussess semplici u gie arrestat.

Mir-rapport tal-Profs Emanuel Sinagra[1] li ezamina d-dokument SB4702018 jirrizulta:

a) Illi fuq estratti mehuda mis-sustanza kafellatte li hemm gewwa SB4702018, li nghata l-kodici tal-038_19_01, instabet is-sustanza Kokaina. Il-piz tas-solidu kafellatte kien ta' 0.171grammi[2] u l-purita' ta' circa 15%. Is-sustanza kokaina hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

---

[1] Dok ES a fol 68 tal-process

[2] Li kienet maqsuma f'zewg qratas tal-plastik trasparenti u l-piz ta' kull bicca kien 0.082g u 0.089g

b) Illi fuq estratti mehuda mill-haxix ahdar li hemm fid-dokument immarkat SB4702018, li nghata l-kodici tal-038_19_01, instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol. Il-piz total tas-sustanzi kien ta' 0.459 u l-purita' kienet ta' circa 6%. Din is-sustanza tigi mill-pjanta tal-kannabis u hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Mill-provi fuq riprodotti jirrizulta li l-prosekuzzjoni ppruvat oltre d-dubbju dettat mir-raguni li s-sustanzi illeciti li gew elevati kienu fil-fatt tal-imputat – inkwantu ghall-pjanta cannabis, meta twaqqaf kien proprju f'idejh u l-kokajina kienet fil-pouch li apparti li kien l-istess imputat li ddikjara li huwa tieghu, kien ezatt fejn saqajh fejn kien bilqeghda huwa fil-karozza. Oltre' dan, l-istess imputat ammetta mal-pulizija li d-droga kienet ghalih personali.

Inkwantu ghat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet ezebita vera kopja fotostatika ta' digriet tal-helsien mill-arrest[3] (li m'ghandux firma fuqu tal-Magistrat). Filwaqt li mill-istess dokument jirrizulta li si tratta tal-istess ufficjali prosekuturi f'dawk il-proceduri u f'dawn odjerni u fuq l-istess dokument jirrizulta fost ohrajn bhala isem Marlon Baldacchino, biss pero' l-prova tal-identita' ma saritx u ghalhekk din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati ta' din l-imputazzjoni ghax ma rrizultax li Marlon Baldacchino indikat fuq Dok SZ5 huwa l-istess Marlon Baldacchino tal-proceduri odjerni.

**Piena**

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati, ic-cirkostanzi tal-kaz, il-fedina penali tieghu li nonostante li ghadu zghir fl-eta' diga' instab hati ta' diversi reati tlett darbiet u r-rapporti tal-Ufficjal tal-Probation li bdiet issegwi lill-imputat taht ordni ta' supervizjoni temporanja matul dawn il-proceduri. Mill-istess rapport jirrizulta li l-hati ghadu mhux qieghed jifhem li jehtieglu jahdem bis-serjeta' kemm biex jeghleb il-vizzju tad-droga kif ukoll biex

[3] Dok SZ5

ikollu xoghol regolarizzat. Fid-dawl ta' dan il-Qorti se tikkundanna lill-hati ghall-hlas ta' multa.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti,, wara li rat l-artikolu 8(d) u r-4 u s-6 Taqsima u l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 issib lill-imputat hati tal-ewwel zewgt imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' tmien mitt Euro (€800). Filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni u minnha tilliberah. Ghaldaqstant tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-konfiska tal-garanzija personali u ghar-riarrest tieghu.

Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti tikkundanna lill-hati jhallas l-ammont ta' mitejn u tnejn u disghin Euro u erba' u sittin centezmu (€292.64) rapprezentanti l-hlas tal-espert nominat.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, Dokument LZ, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi proces-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**